

Brussell, 5 ta' Novembru 2025
(OR. en)

12559/1/25
REV 1

EF 281
ECOFIN 1136
DELECT 124

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 3801 final/2
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'3.11.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 fir-rigward tad-definizzjoni ta' armi pprojbiti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 3801 final/2.

Mehmuż: C(2025) 3801 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.11.2025
C(2025) 3801 final/2

ADDENDUM

This document corrects document C(2025) 3801 final of 28.8.2025.

Concerns all language versions.

Insertion of the reference to the linked Staff Working Document SWD(2025) 820 final.

The text shall read as follows:

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 3.11.2025

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 fir-rigward tad-definizzjoni ta' armi
pprojbiti**

{SWD(2025) 820 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-White Paper għad-Difiża Ewropea – Prontezza 2030 tistabbilixxi pjan għall-Inizjattiva ReArm Europe 2030, pakkett tad-difiża li jipprovdi lievi finanzjarji lill-Istati Membri biex jixprunaw żieda fl-investment fil-kapaċitajiet tad-difiża. Fost l-għanijiet ewlenin tal-pjan hemm l-iffaċilitar tan-negozju u l-approfondiment tas-Suq Uniku. Hemm sens ta' urġenza biex tizzied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investment fid-difiża jista' jilħaq madwar EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Fis-6 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem malajr il-ħidma fuq is-simplifikazzjoni tal-qafas legali u amministrattiv, għall-akkwist pubbliku, il-kooperazzjoni tal-industrija u r-rekwiżiti tal-għoti tal-permessi u tar-rapportar, biex jiġu indirizzati l-ostakli u l-konġestjonijiet kollha li jfixklu żieda rapida tal-industrija tad-difiża. Din l-emenda mmirata tar-Regolament Delegat dwar il-parametri referenzjarji għal finanza sostenibbli hija parti minn dan l-isforz ta' kjarifika u simplifikazzjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-bini mill-ġdid tad-difiża Ewropea se jirrikjedi investment massiv, kemm pubbliku kif ukoll privat, fuq perjodu sostnut. Il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kien komprensiv, bi sħarriġ pubbliku li kien miftuħ sat-22 ta' April 2025, u sensiela ta' laqgħat immirati mal-Istati Membri, mar-rappreżentanti tan-negozju rilevanti mill-Unjoni, u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra. B'mod aktar speċifiku, minbarra din il-konsultazzjoni pubblika miftuħa, is-servizzi tal-Kummissjoni ġabru d-data, l-evidenza u s-suġġerimenti mill-Istati Membri, mill-industrija u minn partijiet ikkonċernati oħra dwar l-ostakli legali, regolatorji u amministrattivi li jirrestrinġu l-kapaċità tal-industrija Ewropea tad-difiża li żżid il-produzzjoni b'aġilità msaħħa biex tikseb il-prontezza tad-difiża sal-2030. L-esperti tal-Istati Membri ġew ikkonsultati matul il-proċess ta' abbozzar ta' dan ir-regolament emendatorju f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. Tliet Stati Membri pprovdew kummenti siewja dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni, inklużi suġġerimenti biex din tiġi estiża. Dawn il-kummenti fl-aħħar mill-aħħar ma ġewx aċċettati minħabba li t-trattati rilevanti jew ma jipprojbixxux il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' dawn l-armi iżda jirreferu biss għall-użu tagħhom, jew inkella ma jippreġudikawx id-dritt tal-istati nukleari li jżommu l-programm ta' deterrenza tagħhom (it-trattat dwar in-nonproliferazzjoni). Barra minn hekk, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni għal armi li ma humiex esklużi abbażi ta' trattat tqieset problematika, minħabba l-objettiv li tiġi pprovduta definizzjoni li tkun ibbażata fuq il-liġijiet. Il-Kummissjoni tfakkar li din id-definizzjoni ta' limitu minimu hija mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri li tipprojbixxi ċerti armi, li jrid ikun hemm konformità magħha fi kwalunkwe każ mill-operaturi ekonomiċi li jixtiequ joperaw f'kull Stat Membru.

¹ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj)

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Din l-emenda hija modifika mmirata tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 dwar il-parametri referenzjarji għal finazzi sostenibbli, li tuża rekwiżiti aktar preċiżi u aktar ċari fir-rigward tar-regoli dwar divulgazzjonijiet relatati mal-finazzi sostenibbli għall-kumpaniji involuti f'armi kontroversjali. Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skont is-setgħa ta' delega mogħtija fl-Artikolu 19(a).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'3.11.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 fir-rigward tad-definizzjoni ta' armi pprojbiti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19a(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Kif indikat fil-White Paper Konġunta dwar id-Difiża Ewropea – Prontezza 2030², it-tisħiħ tal-investiment pubbliku fid-difiża huwa indispensabbli, iżda dan mhux se jkun biżżejjed. L-impriżi stabbiliti fl-Unjoni, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja jenħtieġ li jkollhom aċċess aħjar għall-kapital, inkluż strumenti ta' garanzija għat-tneħħija tar-riskji tal-investimenti, biex iġibu s-soluzzjonijiet tagħhom fuq skala industrijali u jixprunaw iż-żieda industrijali li l-Unjoni teħtieġ. Għalkemm is-settur finanzjarju juri interess dejjem akbar fid-difiża, is-settur tad-difiża jibqa' suq li mhuwiex moqdi biżżejjed minħabba limitazzjonijiet fil-politiki ta' investiment tal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati. Il-White Paper Konġunta tistabbilixxi pakkett tad-difiża li jipprovdi lievi finanzjarji lill-Istati Membri biex jixprunaw żieda fl-investiment fil-kapaċitajiet tad-difiża. Fost l-għanijiet ewlenin tal-pakkett hemm l-iffaċilitar tan-negozju u l-approfondiment tas-Suq Uniku. Fis-6 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem malajr il-ħidma fuq is-simplifikazzjoni tal-qafas legali u amministrattiv, għall-akkwist pubbliku, il-kooperazzjoni tal-industrija u r-rekwiżiti tal-għoti tal-permessi u tar-rapportar, biex jiġu indirizzati l-ostakli u l-konġestjonijiet kollha li jfjixklu żieda rapida tal-industrija tad-difiża, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818³ jistabbilixxi tikketti relatati mal-klima għal parametri referenzjarji li jirrikjedu li l-kumpaniji kollha involuti fi kwalunkwe attività relatata ma' armi kontroversjali jiġu esklużi mill-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u ma' dawk tat-Tranżizzjoni

¹ ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1011/oj>.

² Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030: JOIN/2025/120 final, 19.03.2025

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 tas-17 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards minimi għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 406, 3.12.2020, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1818/oj).

Klimatika. Madankollu, id-definizzjoni ta' armi kontroversjali f'dak ir-Regolament Delegat tikkawża wisq inċertezza u konfużjoni għall-amministraturi msemmija fir-Regolament (UE) 2016/1011, u jenħtieġ li tiġi ċċarata u ssimplifikata, b'mod partikolari minħabba li t-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li għalihom l-Istati Membri huma Parti ma jirreferux għal armi kontroversjali iżda pjuttost għal armi pprojbiti.

- (3) Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi emendata d-definizzjoni ta' armi kontroversjali fir-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 u li din tiġi sostitwita b'definizzjoni ta' "armi pprojbiti" biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-konsistenza fil-ġabra ta' regoli dwar il-finanzi sostenibbli u l-prattiki armonizzati mill-amministraturi tal-parametri referenzjarji. Dan jista' jsir filwaqt li jinżamm livell sikur ta' esklużjonijiet f'konformità mal-oġettiv tar-Regolament (UE) 2016/1011.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 jiġi emendat kif xieraq.
- (5) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' twassal għal effetti ġġustifikati fuq it-tranżazzjonijiet minn fondi li jiddependu fuq dawk l-indiċijiet ibbażati fuq il-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u ma' dawk tat-Tranżizzjoni Klimatika. Sabiex jiġu evitati disturbi fis-suq, jixraq li l-parametri referenzjarji eżistenti jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għal dawk il-bidliet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/1818 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 12(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) il-kumpaniji involuti f'kull attività relatata ma' armi pprojbiti;”;

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-punt (a), ‘armi pprojbiti’ għandha tfisser mini kontra l-persunal, munizzjonijiet dispersivi, armi bijoloġiċi u kimiċi li l-użu, il-pussess, l-iżvilupp, it-trasferiment, il-manifattura u l-ħżin tagħhom huma pprojbiti b'mod espliċitu mill-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-armi li l-maġġoranza tal-Istati Membri huma partijiet għalihom, kif elenkati fl-Anness.”;

(2) jiżdied Anness f'konformità mat-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni + 6 xhur] fir-rigward tal-parametri referenzjarji diġà eżistenti awtorizzati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3.11.2025

*Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Andrius KUBILIUS
Membru tal-Kummissjoni*